**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**(SEDE KOSTITUZZJONALI)**

**IMĦALLEF**

**ONOR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

Rikors Kostituzzjonali Nru **523/2023 AD**

**YORGEN FENECH**

**vs**

**AVUKAT TAL-ISTAT**
**L-AVUKAT ĠENERALI**
**IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, tnejn u għoxrin (22) ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti**:

1. Din hija **sentenza *in parte* limitatament** rigward l-ewwel erba' (4) eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati, illi permezz tagħhom qed jeċċepixxu (a) illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza tissindika, tiddetermina u tiddikjara allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' Proklama; (b) illi din il-Qorti m'għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza tirtira u/jew tagħmel rakkomandazzjoni illi tiġi rtirata Proklama ; (c) illi din il-Qorti m'għandhiex funzjoni u lanqas kompetenza sabiex teżamina l-għoti

ta' xi parir lill-E.T. il-President ta' Malta; u (d) illi r-rikorrent m'għandux interess ġuridiku rikjest mil-Liġi sabiex imexxi u jissokta bil-proċeduri odjerni;

**Preliminari u Fatti tal-Każ**

2. Jirriżulta mir-rikors kostituzzjonali illi permezz tiegħu ġew intavolati l-proċeduri odjerni, illi fil-25 ta' Novembru 2019, l-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta ħareġ Proklama fil-konfront ta' Melvin Theuma, illi kienet tikkostitwixxi maħfra għall-involviment ta' Theuma f'aktar minn ħames delitti *"kif ukoll għar-reati ... li huwa kien involut fihom qabel id-data ta' llum"*. Il-kundizzjonijiet illi fil-konfini tagħhom ngħatat il-Proklama kien jinkludi, *inter alia*, is-segwenti: *"(iii) Il-Maħfra għandha tkun irtirata u għandha titqies illi qatt ma ngħatat fil-każ illi Melvin Theuma jirrifjuta li jixhed jew jonqos milli jagħti xi depożizzjoni jew stqarrija mitluba minnu [...]"*. Ir-rikorrent qed jikkontendi illi meta fis-7 t'Ottubru 2022 u fil-25 ta' Mejju 2023 Melvin Theuma tħarrek sabiex jixhed fil-kawża fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Muscat et* quddiem il-Qorti tal-Maġistrati dwar delitti allegatament imwettqa minn Melvin Theuma qabel l-għoti tal-Proklama, u rrifjuta illi jixhed, huwa kien qiegħed jikser il-kundizzjoni suriferita. Ir-rikorrent kiteb lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta fl-14 ta' Ġunju 2023, u talab lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex, jirtira l-Proklama jew jiddikjara illi l-Proklama għandha titqies daqslikieku qatt ma ngħatat; iżda permezz ta' ittra datata 14 ta' Lulju 2023, ir-rikorrent ġie informat illi, fuq il-parir konġunt tal-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali, il-Kabinett kien irrakkomanda illi l-Proklama m'għandhiex tiġi rtirata;

3. Bir-rikors odjern, ir-rikorrent qiegħed in suċċint jippremetti illi:

   a. ir-rikorrent qiegħed jiġi rinfaċċjat b'xhud li għalih ma japplikawx ir-regoli, stante li qed jagħżel fejn, meta u kif għandu jixhed b'impunita';

b. konsegwenza ta' din in-non-osservanza, il-Prosekuzzjoni tinsab f'pożizzjoni ta' superjorita' fuq id-difiża tar-rikorrent, stante illi mhux talli l-Prosekuzzjoni rrikorriet għall-proċedura tal-Proklama sabiex tixli lir-rikorrent, iżda talli meta l-kundizzjonijiet tal-Proklama nkisru, l-istess Prosekuzzjoni intervjeniet sabiex tassigura l-impunita' ta' Melvin Theuma;

c. il-fatt illi d-deċiżjoni tal-Kabinett tal-Ministri ttieħdet fuq il-pariri tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija jkompli jaggrava s-sitwazzjoni, stante illi: (i) l-indħil tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija jrendi l-proċess suspett; (ii) l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Puliizja għandhom kull interess li l-Proklama ma tiġix irtirata u titqies bħala waħda inkondizzjonata; (iii) fil-proċeduri fl-ismijiet *Il-Pulizija vs Anthony Muscat et* kienu l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija stess li ddikjaraw li Theuma huwa kopert mill-Proklama u kellu jixhed meta mitlub, għalhekk dawn taw parir lill-Kabinett li jmur kontra l-parir li taw huma stess fuq l-istess mertu;

d. il-Liġi ma tipprovdi ebda struttura għal min jikser kundizzjoni jew kundizzjonijiet imposti fi Proklama, u r-rikorrent ma jista qatt ikollu smigħ xieraq meta hija l-istess Prosekuzzjoni li tikkondona aġir illegali ta' persuna kriminali sabiex tassigura kundanna fil-konfront tal-istess rikorrent.

Ir-rikorrent jagħmilha ċara wkoll illi l-kawża odjerna ma hijiex intiża sabiex tiġi sindikata l-kwestjoni dwar jekk il-President tar-Repubblika ta' Malta irċeviex jew aġixxiex skont, il-parir ta' xi persuna jew awtorita' meta huwa meħtieġ hekk jaġixxi;

4. Għaldaqstant, ir-rikorrent qiegħed isostni illi ġie leż id-dritt tiegħu għal smigħ xieraq fit-termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artikolu 6 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, u d-dritt tiegħu għal rimedju effettiv fit-termini tal-Artikolu

13 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artkolu 13 tal-Ewwel Skeda tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta. Konsegwentement talab lil din il-Qorti sabiex:

a. Tillikwida favur tiegħu d-danni sofferti minnu; u

b. Tagħti dawk ir-rimedji u ordnijiet xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex tiżgura li jitwettqu favur tiegħu d-disposizzjonijiet appena ċitati, fosthom:

    i. Tiddikjara li l-indħil tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija huwa leżiv tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent;

    ii. Tirrevoka l-Proklama mogħtija lil Melvin Theum jew, alternattivament, tirrakkomanda lill-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex jirtira l-Proklama;

    iii. Tagħti dawk ir-rimedji oħra xierqa fiċ-ċirkostanzi sabiex jitwettqu favur ir-rikorrent id-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni Ewropea, Kostituzzjoni ta' Malta u l-Kapitolu 319 tal-Liġijiet ta' Malta inkluż dawk ir-rimedji u talbiet li jistgħu jitqanqlu f'eventwalita' ta' eċċezzjonijiet preliminari tal-intimati;

5. Mill-banda l-oħra, b'risposta konġuntiva datata tlettax (13) ta' Novembru 2023, l-Avukat tal-Istat, l-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, apparti numru ta' eċċezzjonijiet fil-mertu, issollevaw ukoll numru ta' eċċezzjonijiet preliminari, fosthom l-erbgħa (4) segwenti:

> *1. Illi preliminarjament jiġi eċċepit illi din l-Onorabbli Qorti* ***ma għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza tissindika, tiddetermina u tiddikjara allegat ksur ta' kundizzjonijiet ta' proklama stante illi kwistjonijiet konċernanti proklami Presidenzjali jaqgħu esklussivament fi ħdan il-poteri u l-funzjonijiet tal-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika*** *a tenur tal-artikolu 93 u l-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni;*

> *2. Illi preliminarjament l-esponenti jeċepixxu l-improponibbilita' tal-azzjoni odjerna stante illi dina l-Onorabbli Qorti* ***ma għandhiex ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tirrevoka proklama u/jew tirrakkomanda lill-Eċċellenza tiegħu l-President tar-Repubblika sabiex tiġi rtirata proklama, peress illi, fl-eżerċizzju ta' din il-prerogattiva, l-Eċċellenza Tiegħu l-President tar-Repubblika jieħu pariri*** *ai termini tal-artikolu 85 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;*
>
> *3. Illi preliminarjament l-esponenti jeċepixxu illi* ***meta skont il-Kostituzzjoni ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita', il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda Qorti. Konsegwentament dina l-Onorabbli Qorti ma għandhiex funzjoni u lanqas kompetenza sabiex teżamina l-għoti ta' xi parir lill-Eċċellenza tiegħu l-President ta' Malta****;*
>
> *4. Illi preliminarjament l-esponenti jeċepixxu illi r-rikorrent* ***m'għandux l-interess ġuridiku rikjest mil-Liġi sabiex imexxi u jissokta bil-proċeduri odjerni u dan stante illi l-proklama hija estraneja għalih****;*

6. Fis-seduta tat-Tlieta, erbatax (14) ta' Novembru 2022, il-partijiet qablu li l-ewwel kellhom jiġu trattati l-eċċezzjonijiet suriferiti, u ġie konċess lilhom terminu illi fih kellhom jissottomettu n-noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tagħhom;

7. Wara illi, fis-seduta tad-dsatax (19) ta' Jannar 2024 , il-Qorti semgħet it-trattazzjoni ulterjuri mill-partijiet dwar l-ewwel erba' (4) eċċezzjonijiet

sollevati mill-intimati, il-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum sabiex tingħata sentenza preliminari dwar l-istess eċċezzjonijiet.

**Il-Qorti**

8. Wara illi rat l-atti u n-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-partijiet;

9. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-ewwel erba' eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati;

10. Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta tal-lum għal sentenza preliminari rigward dawn l-eċċezzjonijiet preliminari;

11. Tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**Konsiderazzjonijiet**

***L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari: Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni u / jew Kompetenza tissindika, tiddetermina u tiddikjara allegat ksur ta' Kondizzjonijiet ta' Proklama***

12. Fl-ewwel lok jingħad illi l-Proklama mertu tal-proċeduri odjerni ngħatat bis-setgħa mogħtija lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta permezz tal-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, illi jistabbilixxi illi:

> *93. (1) Il-President ikollu s-setgħa li –*
>
> *(a) jagħti lil xi persuna li jkollha x'taqsam fi jew tkun ġiet misjuba ħatja ta' xi reat maħfra, sew ħielsa jew suġġetta għal kondizzjonijiet skont il-liġi;*

13. L-intimati jinvokaw l-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex jissostanzjaw l-ewwel eċċezzjoni minnhom sollevata, liema Artikolu jgħid:

> *(2) Meta skont din il-Kostituzzjoni l-President huwa meħtieġ li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita', il-kwistjoni jekk ikunx f'xi każ irċieva, jew ikunx aġixxa skont, dak il-parir ma għandhiex tiġi eżaminata minn ebda qorti.*

14. Huma jissottomettu illi t-talbiet rikorrenti huma intiżi sabiex jiġu sindikati u analizzati l-parir u r-rakkomandazzjoni li ngħataw lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta fir-rigward tal-mekkaniżmu li jikkonċerna l-Proklama mogħtija lil Melvin Theuma u sabiex din il-Qorti tirrevoka l-Proklama jew tirrakkomanda l-irtirar tal-istess Proklama. Konsegwentement, l-eżerċizzju illi qed tintalab tagħmel din il-Qorti huwa projbit bl-applikazzjoni tal-Artikoli 93 moqri fid-dawl tal-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

15. Mill-banda l-oħra, ir-rikorrent jissottometti illi l-vertenza ordjerna la tikkonċerna l-għoti o meno tal-Proklama lil Theuma, u lanqas jekk l-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta irċeviex jew aġixxiex skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita' meta kien hekk meħtieġ li jaġixxi, b'dana għalhekk illi l-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma japplikax għall-każ odjern. In oltre jsostni wkoll illi mingħajr preġudizzju għal dan, l-artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jagħmilha ċara illi l-parametri tal-'immunita' tal-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta hija (i) tal-President tar-Repubblika u ħadd aktar; u (ii) f'sitwazzjoni fejn huwa marbut jaġixxi skont parir ta' persuna jew awtorita', u biss dwar jekk irċeviex tali parir jew, jekk irċevih, effettivament mexiex miegħu;

16. Il-Qorti tibda billi tirrileva illi fir-rikors promotur, ir-rikorrent jagħmilha ċara illi, *"r-rikors odjern ma huwiex intiż sabiex tiġi sindakata l-kwistjoni jekk l-President tar-Repubblika ta' Malta ikunx irċieva, jew ikunx aġixxa skont, il-*

*parir ta' xi persuna jew awtorita' meta huwa meħtieġ hekk jaġixxi"*[1]. In oltre, it-talbiet rikorrenti jitolbu prinċiparjament dikjarazzjoni illi ġew leżi d-drittijiet tar-rikorrent għal smigħ xieraq u għal rimedju effettiv fit-termini tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Kostituzzjoni ta' Malta per kawża tal-*"indħil tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija"*. Huwa evidenti għalhekk illi l-każ odjern non si tratta l-azzjoni illi ħa jew ma ħax l-E.T. il-President ta' Malta, b'dana illi l-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta ma jsibx applikazzjoni fil-każ odjern;

17. Fit-tieni lok, hekk kif tajjeb jargomenta r-rikorrent fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-ġurisprudenza ċitata fit-tul mill-intimati lanqas tapplika għall-każ odjern:

18. Is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Vincent Muscat vs Il-Prim Ministru et***[2] kienet kawża quddiem il-Qorti Ċivili (Prim'Awla), u mhux quddiem din il-Qorti kif diversement presjeduta b'kompetenza Kostituzzjonali, hekk kif erronjament jindikaw l-intimati. Fiha l-Qorti ntalbet, f'azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ai termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, *inter alia,* sabiex tiddikjara illi n-nuqqas ta' deċiżjoni għall-parir fuq il-maħfra Presidenzjali tar-rikorrenti lill-President tar-Repubblika ta' Malta kienet abbużiva u illegali, u sabiex tordna illi l-President tar-Repubblika ta' Malta kellu jingħata l-parir sabiex tingħata l-maħfra presidenzjali lil Muscat. Huwa evidenti illi dak illi ntalbet il-Qorti Ċivili (Prim'Awla) kien intrinsikament marbut mad-deċiżjoni illi fl-aħħar mill-aħħar kellu jieħu l-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta, illi mhux il-każ fil-każ odjern;

19. Hekk ukoll, is-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***George Degiorgio vs Il-President tar-Repubblika ta' Malta et***[3] irriżultat minn azzjoni għal stħarriġ ġudizzjarju fit-termini tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, illi permezz tagħha l-Qorti ntalbet *"Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-għemil tal-Kabinett tal-Ministri fuq parir tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-*

[1] Para 23 a fol 5 tal-proċess
[2] Rik Nru 855/2020, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ F Depasquale, 3 ta' Mejju 2022
[3] Rik Nru 460/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla), Onor Imħ G Mercieca, 21 ta' Ġunju 2022

*Pulizija u l-istess parir u ċ-ċaħda tat-talba tagħhom għall-Maħfra Presidenzjali huma għemil amministrattiv li huwa null, invalidu u mingħajr effett billi fl-ewwel lok, tali għemil amministrattiv huwa ultra vires in kwantu l-konvenuti, ilkoll flimkien jew min minnhom, naqsu milli josservaw il-prinċipji tal-ġustizzja naturali fit-twettiq tal-imsemmija għemil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-għemil għall-finijiet tal-artikolu 469A(1)(b)(ii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta u billi, fit-tieni lok, tali għemil amministrattiv huwa ultra vires in kwantu tali għemil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorita' pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti għall-finijiet ta' l-artikolu 469A(1)(b)(iii) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta."* Ħarsa lejn din it-talba biss ukoll tindika illi dak illi kien qiegħed jiġi sindikat fil-kawża appena ċitata kien ivarja ferm minn dak illi qiegħed jiġi sindikat fil-kawża odjerna;

20. L-intimati jagħmlu wkoll referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Adrian Agius et vs L-Avukat tal-Istat et***[4]. Ġie rrimarkat f'din is-sentenza illi *"L-appellanti jargumentaw li permezz ta' din il-kawża huma mhumiex qed jittentaw jissindikaw id-deċiżjoni tal-President u wisq anqas ma talbu lill-Qorti sabiex tiddetermina jekk effettivament il-President mexiex mal-parir mogħti mill-Eżekuttiv, iżda qed jilmentaw li huwa l-istitut u l-mekkaniżmu tal-għoti tal-proklama nnifsu li huwa leżiv tad-drittijiet fondamentali tagħhom u mhux id-deċiżjoni tal-President u l-parir li huwa ngħata."*[5] Din il-Qorti kif diversement presjeduta kienet innotat illi l-ilmenti tar-rikorrenti f'***Agius*** kienu s-segwenti:

> *Fil-premessi imbagħad ir-rikorrenti jippremettu illi l-maħfra presidenzjali kisret id-dritt fundamentali tagħhom protett bl-artikoli imsemmija għaliex skond huma:*

[4] Rik Nru 690/21/1, Qorti Kostituzzjonali, 12 ta' Lulju 2023
[5] Ibid, para 12

*i) il-Kabinett naqas milli jisma' dak illi kellhom xi jgħidu huma għall-allegazzjonijiet magħmula minn Vincent Muscat;*

*ii) l-għoti tal-proklama tikser il-prinċipji tal-ġustizzja naturali;*

*iii) dawk li ddeċidew dwar l-istess proklama kellhom u/jew seta' kellhom kull interess illi l-proklama tingħata lil Muscat u mhux lil terzi persuni;*

*iv) dawk li ddeċidew dwar l-istess proklama kellhom u/jew seta' kellhom kull interess illi jissemmgħu* (sic) u*/jew ma jissemmewx ċertu fatti illi jikkonċernaw l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia;*

*v) dawk li ddeċidew dwar din il-proklama inżammu responsabbli għall-istess assassinju.*

*Skont ir-rikorrenti l-kontestazzjoni tagħhom oġġettivament hija kif jitħaddem il-mekkaniżmu speċjali li jinsab fl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni u suġġettivament kif tħaddem dan il-mekkaniżmu fil-każ tagħhom u jekk dan illediex id-drittijiet fundamentali tagħhom.*[6]

21. Fil-każ odjern, ir-rikorrent jikkondensa l-ilmenti tiegħu f'erba' punti prinċipali, u jgħid:

*Għalhekk, għall-aħjar intendiment tal-kawża, l-esponenti qiegħed jitlob illi l-Qorti tgħaddi biex tissindika l-mertu tal-fatt illi:*

[6] Rik Kost Nru 690/2021, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ R G Mangion, 29 ta' Marzu 2022, eventwalment konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali

- *L-intimati, u prosekuturi tal-esponent, Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija taw parir lill-Kabinett*

- *L-inequality of arms kkawżat mil-indħil tal-Prosekuturi tal-esponent in kwantu dan effettivament ifisser li l-prosekuzzjoni hija munita b'għodda sabiex tisforza lix-xhud jixhed meta u kif trid. Dan billi tagħżel hi meta tenforza l-kundizzjonijiet tal-Proklama u kif*

- *L-preġudizzju rrekat mill-esponent per konsegwenza tal-istat ta' illegalita' li jinsab fija* (sic) *Melvin Theuma meta kiser kundizzjoni ewlenija mill-proklama; u*

- *Il-fatt li l-Liġi ordinarja ma tipprovdi l-ebda struttura għal min jikser kundizzjonijiet imposti fi proklama.*[7]

In oltre r-rikorrent jissottometti wkoll illi, *"Il-kawża odjerna ma tikkonċernax il-legalita' o meno tal-Istitut tal-Proklama."*[8]

22. Meqjus il-premess, din il-Qorti tinnota żewġ differenzi prinċipali bejn is-sentenza f'***Agius*** u l-każ odjern:

   a. Filwaqt illi f'***Agius*** kienet qed tiġi kontestata l-proċedura illi permezz tagħha ngħatat il-Proklama, **fil-każ odjern** qed tiġi kontestata l-proċedura illi permezz tagħha l-Proklama baqgħet fis-seħħ minkejja illi allegatament ġiet miksura waħda mill-kondizzjonijiet illi tiddetermina l-validita' o meno tal-Proklama stess;

   b. Filwaqt illi f'***Agius*** l-ilment kien jirrigwarda l-parteċipazzjoni tal-Kabinett fl-għoti tal-Proklama, **fil-każ odjern** qed tiġi kontestata l-parteċipazzjoni tal-Avukat Ġenerali u tal-Kummissarju tal-Pulizija

[7] Paġni 3-4 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 73-74 tal-proċess
[8] Paġna 7 tan-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent, a fol 77 tal-proċess

permezz ta' parir mogħti lill-Kabinett fid-deċiżjoni sabiex titneħħa l-Proklama;

23. L-Artikolu 85(1) tal-Kostituzzjoni jobbliga lill-President sabiex *"jaġixxi skont il-parir tal-Kabinett jew ta' Ministru li jaġixxi skont l-awtorita' ġenerali tal-Kabinett ħlief fil-każijiet meta huwa meħtieġ b'din il-Kostituzzjoni jew b'xi liġi oħra li jaġixxi skont il-parir ta' xi persuna jew awtorita' li ma tkunx il-Kabinett"*. Il-Proklama mertu tal-kawża odjerna[9] tgħid:

> *U BILLI fil-15 ta' Novembru 2019 waqt laqgħa li saret bejn Melvin Theuma [...] u Lawrence Cutajar Kummissarju tal-Pulizija l-istess Melvin Theuma offra li jikkopera fl-investigazzjoni dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia u dan senjatament billi jagħti informazzjoni attendibbli, kredibbli u veritjera dwar:*
>
> *[...]*
>
> *U BILLI permezz ta' ittra data 19 ta' Novembru 2019 il-Prim Ministru Dr Joseph Muscat wiegħed illi kemm-il darba l-istess Melvin Theuma jagħti tali informazzjoni li tkun attendibbli, u fejn ikun il-każ li tiġi korroborata, tkun korroborata biżżejjed biex twassal sabiex abbażi tagħha l-Pulizija tressaq persuna jew persuni quddiem il-Qorti u takkużahom b'involviment fid-delitt imsemmi, l-Gvern, skont it-termini tal-Kostituzzjoni, jirrakkomanda fi żmien raġjonevoli, lill-President tar-Repubblika li tinħareġ maħfra taħt l-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni lil Melvin Theuma li tkun soġġetta għal diversi kundizzjonijiet;*

[9] Vide **Dok A** anness mar-rikors Promotur, a fol 7 *et seq* tal-proċess

*U BILLI l-Prim Ministru ġie nfurmat mill-Kummissarju tal-Pulizija illi l-istess Melvin Theuma ta l-informazzjoni msemmija lill-Pulizija;*

*[...]*

*U BILLI jiena President ta' Malta ingħatajt parir mingħand il-Prim Ministru li qiegħed jaġixxi fuq l-awtorita' ġenerali tal-Kabinett fit-termini tal-artikoli 85 u 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta biex nagħti din il-maħfra:*

Sa fejn inħarġet il-Proklama mill-E.T. il-President ta' Malta fuq parir tal-Kabinett fit-termini tal-Artikoli 85 u 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, bil-kundizzjonijiet hemm mifthiema, jidher illi r-rikorrent mhux qiegħed jilmenta minn leżjoni tad-drittijiet fondamentali tiegħu, u dan b'kuntrast ma' dak illi ġara f'***Agius***, fejn ir-rikorrenti kienu qed jilmentaw minn din il-parti tal-proċedura illi twassal għall-għoti ta' Proklama;

24. Madanakollu, iżda, hekk kif qamet l-allegazzjoni illi Melvin Theuma kien kiser il-kondizzjonijiet tal-Proklama, wara illi r-rikorrent informa lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta bl-allegazzjoni permezz ta' ittra datata 14 ta' Ġunju 2023 u talab sabiex tiġi rtirata l-Proklama jew jiġi dikjarat li għandha titqies illi qatt ma ngħatat il-Proklama[10], l-Uffiċċju tal-E.T. il-President ta' Malta rrisponda billi qal, *"Il-Kabinett iddiskuta t-talba msemmija hawn fuq, u wasal għad-deċiżjoni li żżomm mal-pariri konġunti mogħtija mill-Avukat Ġenerali u mill-Kummissarju tal-Pulizija, liema pariri kienu li mhux qiegħed jiġi rakkomandat li titneħħa l-Proklama mogħtija lis-Sur Melvin Theuma"*[11]. Huwa preċiżament minn dan il-parir illi qiegħed jilmenta r-rikorrent;

25. Dak illi qiegħed jiġi kontestat bil-kawża odjerna, għalhekk: (a) **huwa l-parir illi ngħata lill-Kabinett, u mhux il-parir illi ngħata lill-E.T. il-President**

[10] Vide **Dok E** a fol 43 *et seq* tal-proċess
[11] Vide **Dok F** a fol 45 tal-proċess

**ta' Malta fit-termini tal-Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni ta' Malta**, u (b) **il-fatt illi l-liġi ma tipprovdix mekkaniżmu sabiex jiġu enforzati l-kundizzjonijiet fi Proklama**;

26. Għaldaqstant, l-osservazzjonijiet magħmula f'***Agius*** ma jsibux applikazzjoni għall-każ odjern;

27. In oltre, il-Qorti tirrileva illi dak illi qiegħed jilmenta minnu r-rikorrent mhuwiex, għalhekk, il-mod kif jitħaddem il-mekkaniżmu li jinsab fl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Lanqas huwa l-parir illi ngħata lill-E.T. il-President ta' Malta qabel ingħatat il-Proklama fit-termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

28. Konsegwentement din il-Qorti hija tal-fehma illi hija għandha kompetenza u/jew ġurisdizzjoni sabiex tkompli tisma' l-każ odjern, u dan stante illi l-ilmenti tar-rikorrent, għalkemm fl-aħħar mill-aħħar jirrigwardaw kwestjoni dwar il-Proklama mogħtija lil Melvin Theuma, effettivament la jirrigwardaw il-mekkaniżmu protett mill-Kostituzzjoni bl-Artikolu 93 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u lanqas jirrigwardaw il-parir illi ngħata l-E.T. il-President ta' Malta mill-Kabinett fit-termini tal-Artikolu 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta sabiex ma tiġix irtirata l-Proklama, iżda tirrigwarda l-involviment ta' terzi fid-deċiżjoni dwar għandhiex tiġi rtirata l-Proklama jew le, cioe l-involviment tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, qabel ma l-Kabinett ħa d-deċiżjoni illi fuqha bbaża d-deċiżjoni tiegħu l-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta;

29. Ikkunsidrat il-premess, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex **tiċħad** l-ewwel eċċezzjoni sollevata mill-intimati fir-risposta tagħhom.

***It-Tieni Eċċezzjoni Preliminari**: **Din il-Qorti m'għandhiex il-Ġurisdizzjoni u/jew il-Kompetenza tirrevoka Proklama u/jew tirrakkomanda lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex tiġi rtirata Proklama***

30. Bħala rimedju għal-leżjoni allegatament minnu sofferta, ir-rikorrent qiegħed jitlob lil din il-Qorti sabiex, *inter alia*, tirrevoka l-Proklama mogħtija lil Melvin Theuma jew, alternattivament, tirrakomanda lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta sabiex jirtira l-Proklama. Ir-rikorrent jissottometti illi l-Qorti b'setgħat Kostituzzjonali għandha tkun dik illi tgħasses u tissindika aġir ta' nies fdati b'deċiżjonijiet importanti, u għandu jkollha l-poter illi tagħti rimedji bħal dawk minnu mitluba;

31. Mill-banda l-oħra, l-intimati jsostnu illi l-għoti, ċaħda u revoka ta' Proklama hija fdata esklussivament fl-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta, setgħa mogħtija bl-ogħla liġi tal-pajjiż. Għaldaqstant ma tistax din il-Qorti takolla fuqha jew tassumi poter illi huwa mogħti esklussivament lill-Kap tal-Istat billi tirrevoka hija stess Proklama mogħtija bis-setgħa tal-istess Kap. Inoltre, l-intimati jissottomettu wkoll illi lanqas tista' din il-Qorti tagħmel rakkomandazzjoni lill-President sabiex tiġi rtirata l-Proklama, stante illi, skont l-Artikolu 85 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-President jaġixxi (a) fuq parir tal-Kabinett; jew (b) <u>fil-każ fejn hekk provdut fil-Kostituzzjoni jew b'xi liġi oħra</u>, fuq parir ta' persuni oħra. Peress illi la l-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas xi liġi oħra ma jagħtu lil din il-Qorti s-setgħa illi tagħti pariri lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta, din il-Qorti ma tistax għalhekk tassumi kompetenza u/jew ġurisdizzjoni illi tagħmel rakkomandazzjoni kif mitlub mir-rikorrenti;

32. L-Artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jgħid,

> *(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandu jkollha ġurisdizzjoni oriġinali li tisma' u tiddeċidi kull talba magħmula minn xi persuna skont is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, u tista' tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna:*

33. Disposizzjoni identika tinsab fl-Artikolu 4(2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta, illi għandu jinqara konġuntivament mal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropea illi jgħid:

> *Kull min ikollu miksura d-drittijiet u l-libertajiet tiegħu kontemplati f'din il-Konvenzjoni għandu jkollu rimedju effettiv quddiem awtorità nazzjonali għalkemm dak il-ksur ikun sar minn persuni li jkunu qed jaġixxu f'kariga uffiċjali.*

34. Fi kliem l-Imħallef Emeritu Giovanni Bonello, *"Acknowledging a violation of the law without granting a remedy is like watching someone thirst to death and walking away, lamenting "how sad". [...] Our Constitution was particularly generous in granting the courts virtually unlimited powers to redress violations of human rights. The trial court, it ordains, may do whatever "it considers appropriate for the purpose of enforcing, or securing the enforcement" of the enjoyment of fundamental human rights."*[12] Ikompli jgħid, *"A 'remedy' should address the violation, and adequately redress it."*[13]

35. Din il-Qorti tirrikonoxxi illi l-intimati għandhom raġun in kwantu jsostnu illi s-setgħa illi tingħata, tiġi miċħuda u/jew tiġi revokata Proklama hija waħda mogħtija biss lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta; madanakollu, din il-Qorti tissenjala wkoll illi jekk effettivament jinsab illi r-rikorrent sofra leżjoni għad-drittijiet fundamentali tiegħu, huwa għandu jingħata rimedju illi mhuwiex biss sodisfaċenti, iżda wkoll <u>effettiv</u>. Huwa minnu illi r-rikorrent diġa qed jitlob rimedji oħra, fis-sens illi qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu, kif ukoll kumpens għal-leżjoni minnu sofferta; madanakollu, din il-Qorti tifhem illi l-aktar rimedju effettiv ikun wieħed illi jkun relatat mal-Proklama illi mill-effett tagħha huwa qiegħed jilmenta;

[12] Bonello G, *Misunderstanding the Constitution* (BDL Publishing, 2nd Edn, 2019) p 115
[13] Ibid, p. 118

36. Ikkunsidrat il-fatt illi, fl-aħħar mill-aħħar, dak illi minnu qiegħed jilmenta r-rikorrent huwa l-parir mogħti lill-Kabinett mill-Kummissarju tal-Pulizija u l-Avukat Ġenerali, ikkunsidrat ukoll il-fatt illi, hekk kif ġia ġie diskuss aktar 'il fuq fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari, il-parti tal-proċedura illi minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent mhijiex koperta mill-proċedura kontemplata fl-Artikoli 93 u 85(2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u kkunsidrat, fuq kollox, il-fatt illi din il-Qorti hija mogħtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta setgħat bla limitu sabiex *"tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq, jew tiżgura t-twettiq ta' kull waħda mid-disposizzjonijiet tal-imsemmija artikoli 33 sa 45 (magħdudin) li għall-protezzjoni tagħhom tkun intitolata dik il-persuna"*, din il-Qorti hija tal-fehma illi jkun għaqli, u fil-limiti tal-ġurisdizzjoni u kompetenza tagħha, illi, fil-każ ta' sejbien ta' leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent, tordna illi r-rikorrent jitqiegħed fl-*istatus quo ante*, u cioe tordna illi terġa' tiġi kkunsidrata t-talba tar-rikorrent kif magħmula permezz tal-ittra datata erbatax (14) ta' Ġunju 2023, annessa mar-rikors promotur u mmarkata bħala **Dok E**;

37. Din il-Qorti sejra għalhekk **tilqa'** t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mir-rikorrenti, u tiddikjara illi filwaqt illi m'għandhiex il-ġurisdizzjoni u/jew kompetenza sabiex tirrevoka proklama u/jew tirrakkomanda lill-E.T. il-President tar-Repubblika sabiex tiġi irtirata proklama, fil-każ illi tinsab leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, hija sejra tordna illi tiġi kkunsidrata mill-ġdid it-talba tar-rikorrent kif magħmula permezz tal-ittra datata erbatax (14) ta' Ġunju 2023. Dan mingħajr preġudizzju għas-setgħa ta' din il-Qorti illi tordna wkoll ir-rimedji l-oħra, *in toto* jew *in parte*, mitluba mir-rikorrent.

***It-Tielet Eċċezzjoni Preliminari*: *Din il-Qorti m'għandhiex il-Ġurisdizzjoni u/jew il-Kompetenza tiddeċiedi dwar Parir mogħti lill-E.T. il-President tar-Repubblika ta' Malta***

38. Din il-Qorti tirrileva illi l-kunsiderazzjonijiet magħmula fir-rigward tal-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati jolqtu u japplikaw ukoll għat-tielet eċċezzjoni preliminari minnhom sollevata. Għaldaqstant, a skans ta' repetizzjoni inutili, din il-Qorti sejra tiddikjara illi l-konsiderazzjonijiet magħmula fil-kap entitolat *"L-Ewwel Eċċezzjoni Preliminari: Nuqqas ta' Ġurisdizzjoni u / jew Kompetenza tissindika, tiddetermina u tiddikjara allegat ksur ta' Kondizzjonijiet ta' Proklama"* għandhom japplikaw għat-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata, u konsegwentement tgħaddi sabiex **<u>tiċħad</u>** it-tielet eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati.

***<u>Ir-Raba' Eċċezzjoni Preliminari</u>: <u>Ir-Rikorrent m'għandux interess ġuridiku rikjest mil-Liġi biex imexxi u jissokta bil-proċeduri odjerni</u>***

39. L-intimati jissottomettu illi l-mekkaniżmu li ġie adottat fir-rigward tal-Proklama li ngħatat lil Melvin Theuma ġie fil-fatt adottat verso terz, u mhux verso r-rikorrent, b'dana illi peress illi r-rikorrent la pparteċipa fl-eżerċizzju, u lanqas ser jiġi affettwat bi kwalsiasi deċiżjoni dwar il-Proklama, ir-rikorrent ma jistax jingħad illi għandu l-interess ġuridiku meħtieġ biex imexxi l-kawża odjerna;

40. Mill-banda l-oħra, r-rikorrent isostni illi Melvin Theuma għandu jixhed fil-każ kontra r-rikorrent bis-saħħa u minħabba l-Proklama li ngħatatlu, liema Proklama huwa allegatament kiser. Għaldaqstant ma jista qatt ir-rikorrent ikollu smigħ xieraq meta l-Prosekuzzjoni qiegħda tikkondona aġir illegali ta' persuna u tagħlaq għajnejha għall-ksur ta' kundizzjoni fil-Proklama;

41. Fil-ktieb tiegħu ***A Commentary on the Constitution of Malta***, **Prof Tonio Borg** jgħid:

> *[...] only an aggrieved person who is a victim of a human rights violation may institute an action, and this rule applies even when the constitutional validity of a law is challenged. The wording of article 46 refers to "any*

*person who alleges that any provisions of articls 33 to 45 (inclusive) of this Constitution, has been, is being or is likely to be contravened in relation to him." Consequently, in matters relating to property, one co-owner is enough to file such an action. But a further proof that in human rights actions the applicant has to prove a juridical interest in the action, stems from article 116. That provision states that "a right of action that any law is invalid on any grounds other than inconsistency with the provisions of articles 33 to 45 of this Constitution shall appertain to all persons without distinction and a person bringing such an action shall not be required to show any personal interest in support of his action." Arguing a contrario sensu, therefore, human rights actions need such a personal interest on the part of the promoter of the action.*[14]

42. Għal tul ta' żmien, sabiex jistabbilixxu dak illi huwa *interess ġuridiku* f'kawżi kostituzzjonali, il-Qrati nostrana użaw bħala punto di partenza dak illi huwa interess ġuridiku f'kawżi ċivili "ordinarji", cioe <u>interess ġuridiku dirett, personali u attwali</u>. Hekk, per eżempju, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Anthony P Farrugia vs l-Onor Prim Ministru et***[15] ingħad:

*Illi jidher sewwa li jingħad li f'kawża fejn persuna tallega li ġarrbet ksur ta' jedd fundamentali mħares mill-Kostituzzjoni jew mill-Konvenzjoni, dik il-persuna trid turi li għandha interess ġuridiku biex tiftaħ kawża bħal dik. Huwa biss f'kawża maħsuba taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni – l-hekk imsejħa "actio popularis" dwar in-nuqqas ta' siwi ta' liġijiet – li m'huwiex meħtieġ li l-parti*

[14] Borg, T, *A Commentary on the Constitution of Malta* (Kite Group, 2nd Edn, 2022) p 291
[15] Rik Nru 8/2011, Qorti Ċivili (Prim'Awla) (Sede Kostituzzjonali), Onor Imħ J R Micallef, 17 ta' Novembru 2011. Għalkemm ġie intavolat appell minn din is-sentenza preliminari, din il-parti tas-sentenza ma ġietx appellata, biex b'hekk din il-parti tas-sentenza titqies *res judicata*.

*attriċi turi li għandha xi interess personali biex tressaq kawża bħal dik. Mill-bqija, jidher li l-prinċipji li jistabilixxu x'għandu jkun dan l-interess f'kawża "ordinarja" japplikaw ukoll għall-kawżi taħt din il-proċedura speċjali ta' ksur ta' dritt fundamentali. Ukoll jekk wieħed kellu jqis is-sottomissjoni tal-għaref difensur tar-rikorrent dwar l-istatus ta' "vittma" f'każ bħal dan, l-istess parti mġarrba trid turi li hija tassew "vittma" u dan jikkostitwixxi l-interess ġuridiku tagħha biex tressaq u tmexxi 'l quddiem azzjoni bħal din;*

*Illi dan ifisser li, kif ingħad għadd ta' drabi mill-Qrati Maltin, l-interess meħtieġ irid ikun wieħed dirett, leġittimu u kif ukoll attwali, u jrid joħroġ minn stat attwali ta' ksur ta' jedd, liema ksur ikun jikkonsisti f'kundizzjoni pożittiva jew negattiva li xxejjen jew tipprova ġġib fix-xejn dritt li jappartieni lid-detentur jew li lilu jkun mistħoqq;*

*Illi l-interess ġuridiku f'parti attriċi huwa dak li l-imħarrek jirrifjuta jew jonqos li jagħraf il-jedd tal-istess attur u li, fih innifsu, joħloq il-ħtieġa tal-vertenza. Għalhekk, dan iġib miegħu l-konsegwenza li l-ewwel u l-aqwa interess ġuridikament ammissibbli huwa dak li kull persuna għandha, jiġifieri li titlob li, fil-konfront tagħha, isir ħaqq jew li tiġi msewwija inġustizzja magħmula fil-konfront tagħha;*

*Illi biex tali interess ikun tutelat minn karattru ġuridiku, irid ikun iwassal għal riżultat ta' utilita' u vantaġġ għal min irid jeżerċita l-jedd, b'mod li jekk l-azzjoni ma tistax twassal biex tipproduċi tali riżultat għal min jibdiha, dik l-azzjoni ma tistax treġi. Kien minħabba f'dan il-prinċipju li għadd ta' sentenzi ċaħdu l-jedd tal-azzjoni lil min ried jikseb b'sentenza biss dikjarazzjoni mingħajr oġġett materjali ;*

*Illi ġie stabilit ukoll mill-Qrati li dak li jfisser l-interess tal-attur għandu jkun jidher mill-att tal-kawża nnifisha, u għalkemm il-mottiv tal-interess mhux meħtieġ li jkun imsemmi fl-att li bih il-kawża tinfetaħ, għandu għall-anqas jirriżulta mill-provi jekk kemm-il darba jiġi kuntrastat;*

*Illi, dwar il-kwestjoni tal-attwalita' tal-interess, b'mod partikolari dak l-interess li għandu juri l-attur biex isostni l-kawża, ingħad ukoll li fil-prattika ġudizzjarja wieħed jista' jressaq kawża biex jikseb dikjarazzjoni preordinata għal azzjoni definitiva u aħħarija, minkejja li din ma tkunx ġiet inkluża fl-azzjoni ta' aċċertament. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Qorti trid tkun soddisfatta li jkun hemm l-interess meħtieġ, anki preordinat għall-kawża l-oħra, u li d-dikjarazzjoni miksuba fil-kawża ta' aċċertament tkun tifforma l-bażi tal-kawża l-oħra li tista' tinfetaħ 'il quddiem;*

*Illi l-interess mhux tabilfors ikun wieħed li jiġi kwantifikat f'somma determinata ta' flus jew ġid. L-interess jista' jkun ukoll meqjus imsejjes jekk jimmira li jħares jew jagħti għarfien għal jedd morali jew suġġettiv, imbasta l-jedd invokat ma jkunx wieħed ipotetiku;*

*Illi, minħabba li kawża dwar ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali tista' titressaq kemm jekk dak il-jedd ikun diġa' nkiser jew qiegħed jinkiser b'xi għamil u kif ukoll jekk ikun hemm il-biżgħa tal-ksur ta' dak il-jedd, joħroġ li f'każ bħal dan l-element tal-interess ġuridiku jieħu xejra partikolari mill-aspett tal-attwalita'. Dan m'għandux ikun ta' xkiel għall-applikazzjoni tal-prinċipji fuq imsemmija, għaliex l-interess ġuridiku mistenni xorta waħda jirriżulta*

*fejn, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat ikun wieħed rejali u imminenti;*

43. Permezz ta' dan l-aħħar punt, din il-Qorti kif diversement presjeduta wriet illi minkejja illi l-punto di partenza huwa l-interess ġuridiku meħtieġ f'kawżi "ordinarji", l-interess ġuridiku f'kawżi kostituzzjonali huwa kemmxejn aktar wiesgħa. Hekk, per eżempju, fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet ***Arnold Cassola vs L-Avukat tal-Istat***[16]:

> *L-interess ġuridiku meħtieġ f'kawżi ordinarji u dak meħtieġ f'kawżi kostituzzjonali huwa distint. Dan għaliex il-leġislatur ried li din il-Qorti jkollha l-poter mhux biss li tirrimedja ksur ta' jedd fondamentali li jkun diġa' seħħ iżda wkoll li tipprevjeni milli jseħħ ksur ta' dritt fejn jitressaq quddiemha lment li x'aktarx ikun ser iseħħ ksur ta' jedd fondamentali. Għalhekk fejn il-Qorti tuża l-poteri tagħha sabiex tagħmel proprju dan hija tkun qed twettaq il-funzjonijiet tagħha kif kontemplati mill-liġi, u għaldaqstant ma jistax ikun il-każ li kawża bħal din "tiżnatura" l-proċeduri kostituzzjonali kif qed jargumenta l-Avukat tal-Istat.*

44. Hekk ukoll ġie ritenut fis-sentenza riċentement mogħtija fl-ismijiet ***Avukat Dottor Anna Mallia vs Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura et***[17]:

> *[...] l-istat ta' "vittma" li persuna trid turi biex tista' tressaq u tiftaħ kawża dwar ksur ta' jeddijiet fondamentali huwa usa' mill-interess ġuridiku magħruf u mħaddem sa minn bosta snin ilu biex tintwera l-leġittimazzjoni attiva f'azzjoni ċivili. B'mod partikolari, dan iseħħ minħabba li l-istat ta' "vittma" mhux marbut mal-element tradizzjonali tal-attwalità tal-interess f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd*

[16] Rik Nru 329/21/1, Qorti Kostituzzjonali, 7 ta' Marzu 2022
[17] Rik Kost Nru 234/2021/1, Qorti Kostituzzjonali, 26 ta' Jannar 2024

*fundamentali – għaliex il-Kostituzzjoni tagħraf jedd ta' azzjoni wkoll favur persuna li xi jedd fundamentali tagħha "tkun ser tiġi miksura dwarha". Minkejja dan, mill-kliem tal-Kostituzzjoni nnifisha joħroġ ċar li l-persuna li tressaq azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali hija mogħtija li tagħmel dan għaliex il-ksur ikun jolqot lilha jew x'aktarx ("likely") jolqot lilha, u għalhekk mhux mogħti li azzjoni titressaq validament fejn il-ksur ma jolqotx lill-persuna li tkun jew fejn għandha mnejn li xi darba tintlaqat;*

*34. Fil-qafas tal-Konvenzjoni, imbagħad, ingħad li "the notion of 'victim' within the meaning of article 34 has an autonomous and independent meaning that does not depend upon concepts of national law such as the legal interest and the locus standi or standing. .. .. According to the established case law of the Court, the existence of a violation of the Convention is sufficient for the applicant to be a victim without the need to demonstrate a prejudice";*

45. Fil-każ odjern, il-Proklama mogħtija lil Melvin Theuma[18] tispeċifika illi Melvin Theuma offra li jikkopera fl-investigazzjoni dwar l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia billi jagħti informazzjoni dwar:

*(a) L-istorja kollha mill-bidu sal-aħħar kif magħrufa minnu di scienza propria dwar kif ġie kuntrattat, ippjanat u esegwit id-delitt;*
*(b) L-identita' individwali u preċiża tal-mandant jew mandanti tad-delitt;*
*(c) L-ammont ta' flus li huwa rċieva mingħand il-mandant jew mandanti u għadda lill-eżekutur jew*

[18] Vide **Dok A** anness mar-rikors promotur, a fol 7 tal-proċess

*eżekuturi u l-ammont li huwa tħallas jew żamm għalih;*

(d) *Kif jaf lill-mandant jew mandanti u lill-eżekuturi tad-delitt jew min minnhom;*

(e) *L-identita' tal-persuna jew persuni li huwa għaddielhom il-flus biex isir id-delitt;*

(f) *L-ammont ta' flus, kemm li ħallas personalment kif ukoll li ġab mingħand terzi, li huwa ħallas direttament jew permezz ta' terzi lill-persuni akkużati bid-delitt jew lil xi ħadd jew lil xi wħud minnhom, wara d-delitt u minn fejn ġab dawn il-flus.*

Il-maħfra kienet tapplika, *inter alia*, għall-*"omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia li seħħ fis-16 ta' Ottubru 2017"*;

46. Ir-rikorrent qiegħed jiġi mixli, in suċċint, b'involviment fl-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, b'dana illi l-informazzjoni illi għandu jagħti Melvin Theuma per kawża tal-Proklama lilu mogħtija ser naturalment ikollha effett fuq l-eżitu tal-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tar-rikorrent. Għalhekk isegwi illi r-rikorrent għandu l-interess ġuridiku rikjest sabiex imexxi l-kawża odjerna, u dan stante illi: (a) dak illi qed tiġi mitluba tindaga din il-Qorti huwa l-indħil o meno tal-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, cioe l-Prosekuzzjoni, fil-proċeduri kriminali meħuda fil-konfront tar-rikorrent, fil-parir mogħti mill-Kabinett lill-E.T. il-President ta' Malta sabiex ma tiġix irtirata l-Proklama meta l-kundizzjonijiet illi taħtha ngħatat ġew allegatament miksura minn Melvin Theuma; u (b) fil-każ illi jirriżulta illi kien hemm tali ndħil, huwa r-rikorrent illi jista jiġi potenzjalment u primarjament preġudikat bil-parir mogħti mill-Avukat Ġenerali u l-Kummissarju tal-Pulizija, bħala wieħed mill-persuni illi fir-rigward tiegħu huwa obbligat jixhed Melvin Theuma;

47. Għaldaqstant jirriżulta lil din il-Qorti illi r-rikorrent huwa vittma fit-termini tal-ġurisprudenza suriferita, u għandu għalhekk l-interess ġuridiku sabiex

imexxi l-kawża odjerna. Ir-raba' eċċezzjoni reliminari sollevata mill-intimati qiegħda tiġi għalhekk **respinta**;

48. **Finalment, il-Qorti tieħu din l-opportunita' sabiex tagħmilha ċara illi l-kunsiderazzjonijiet magħmula f'din is-sentenza m'għandhomx jinfthiemu jew jiġu interpretati bħala deċiżjoni dwar il-mertu tal-każ odjern.**

**Decide**

49. Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

   i. **Tiċħad** l-ewwel, it-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet preliminari sollevati mill-intimati;

   ii. **Tilqa'** t-tieni eċċezzjoni preliminari sollevata mill-intimati;

   iii. **Tordna** l-prosegwiment tal-kawża.

Bl-ispejjeż riservati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Onor Imħallef Dr Audrey Demicoli LL.D.**

**Karen Bonello**
**Deputat Reġistratur**